**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Joanne Borg**

**Vs**

**Jason u Erica Galea - Liftman Malta Ltd (C 74256)**

**CCT 101/23/MM**

**Illum,** 5 ta' Novembru 2024

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fid-19 ta' Ġunju 2023 fejn talbet is-somma ta' sitt mitt ewro (€600), rappreżentanti parti minn prezz ikbar imħallas għal *lift* difettuż.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti xtrat lift mingħand is-soċjeta' intimata Liftman Malta Limited C-742551 f'Ġunju 2019 għas-somma ta' Euro 12,000 eskluż il-VAT, liema prezz kien jinkludi l-kunsinna u l-installazzjoni tal-lift fir-residenza tagħhom. Illi r-rikorrenti ħallset id-depożitu

fid-9 ta' Lulju 2019, fis-somma ta' Euro 3,780. Illi mal-kunsinna rikorrenti ġiet mitluba pagament addizzjonali fl-ammont ta' Eurro 3,780 Euro. Illi il-lift ġie kkonsenjat f'Novembru 2019 u fit-3 ta' Diċembru 2O19, saret talba oħra għall-ħlas fis-somma ta' Euro 4,410 li kellha titħallas mal-installazzjoni mekkanika. Illi l-installazzjoni saret f'Diċembru 2019 u r-rikorrenti ħallset l-ammont mitlub lilha.

Illi r-rikorrenti tispjega li sa minn neta l-lift ġie installat, il-lift qatt ma ħadem sew. Mhux biss ma ħadimx, iżda kien ta' periklu stante li ma kienx installat bil-galbu u kien hemm partijiet miksura jew esposti.

Illi r-rikorrenti tilmenta li mid-data tal-installazzjoni sal-preżentata tal-kawża odjerna, minkejja l-ilmenti numerużi, il-lift qatt ma ħadem kif mistenni. Fost id-difetti r-rikorrenti ssemmi:

- il-funzjoni ta' sikurezza f'każ li jaqta' d-dawl qatt ma ħadmet u għadha mhix qed taħdem. Dan ifidder li fil-każ ta' qtugħ tad-dawl, m'hemm l-ebda funzjoni biex il-lift jinżel f'livell aktar baxx sabiex kwalunkwe okkupanti joħorġu mill-lift b'mod sigur.

- il-buttuna tal-livell tal-pjan terran kienet difettuża mill-bidu li ġie nstallat il-lift.

- il-qafas tal-lift jidher li kien ġie marbut mal-qiegħ tal-fetħa tal-lift minflok ma twaħħal mal-ġenb tal-qafas. Sabiex jindirizza dan, il-ħaddiema tas-soċjeta' intimata kellom jaqaw il-madum adum tal-art biex jiwweldjaw il-qafas tal-lift mill-ġdid fuq kull livell.

- Id-dwal tal-lift ma ġewx installati tajjeb.

Illi s-soċjeta' intimata targumenta li diversi ħsarat kienu jew responsabbilita' tal-istess rikorrent jew ma kienux responsabbilita' tas-soċjeta' intimata qabel ma jkun hemm *Service Agreement* iffirmat. Illi fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2024, xehed Jason Galea bil-ġurament u

filwaqt li kkonferma r-risposta tas-soċjeta' intimata qal li kien lest jobbliga ruħu li jagħmel dak ix-xogħol rimedjali li kien responsabbli għalih hu iżda qal ukoll li ma kienx dispost jagħmel xogħol fuq ir-*rail brackets* qabel ma jivverifika sew x'nuqqasijiet hemm.

Illi għall-kuntrarju, it-Tribunal jinnota li minkejja dak li xehed l-intimat, sad-data tal-kawża kien għadu ma sar xejn konkret u cioe' mid-9 ta' Lulju 2019. Illi kieku verament is-soċjeta' intimata għandha interess li twettaq ix-xogħol li ġja tħallset in parte għalih, kellha kull opportunita' li tagħmel dan, inkluż waqt il-mori tal-kawża, ħaġa li baqat m'għamlitx.

Illi għalhekk jirrizulta lit-Tribunal illi kien hemm dewmien fl-eżekuzzjoni tax-xogħol u għalhekk trid teżamina min kien responsabbli għal dan id-dewmien. Minn eżami tad-dokumenti esibiti u mix-xhieda prodotta, it-Tribunal huwa tal-fehma illi dan id-dewmien kien dovut unikament u esklussivament għas-soċjeta' intimata.

It-Tribunal jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija korraborata mir-rapport tal-inġinier indipendenti Pierre Cassar datat 14 ta' Novembru 2023 li ġie ngaġġat mir-rikorrenti sabiex infassal rapport dwar il-l-istat tal-lift illum. Illi l-inġinier jagħmel lista' ta' osservazzjonijiet ferm iżjed minn dawk li ssemmi r-rikorrenti fl-affidavit tagħha. Illi l-inġinier Pierre Cassar huwa tal-fehema li l-ispiża sabiex isir ix-xogħol rimedjali hija ta' Euro 2,300.

Illi minkejja li l-inġinier Pierre Cassar ma ġiex maħtur minn dan it-Tribunal, madanakollu dan huwa l-unika xhud indipendenti u għalhekk dan it-Tribunal ser jagħtih il-kunsiderazzjoni dovuta u ser japplika l-istess providementi tal-esperi maħtura mill-qorti. Illi il-piż probatorju ta' opinjonijiet ta' natura teknika huwa wieħed konkordi u ormai ben kristalizzat. Kif ingħad fil-każ **A.F. Ellis (Home Decor) Limited vs Raymond Azzopardi et deċiż fil-15 ta' Mejju 2014** *"Fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawża "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk – Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-liġi prova ta' fatt li kellhom bħala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha*

*dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta' natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kweżit ta' natura teknika.*

*In linea ta` prinċipju, għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami ("***Grima vs Mamo et noe***" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).*

*Jiġifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku. ( ara - "***Cauchi vs Mercieca***" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; "***Saliba vs Farrugia***" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; "***Tabone vs Tabone et***" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "***Calleja noe vs Mifsud***" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `***Attard vs Tedesco et***` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Ġunju 2007 u "***Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et***" (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Diċembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta` lilha*

*mogħtija ta' talba għan-nomina ta` periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli" – ("**Bugeja et vs Muscat et**" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Ġunju 1967)."*

Fid-dawl ta' dan kollu suespost dan it-Tribunal ma jarax għaliex m'għandux jistirħ fuq il-prova ossia r-rapport tal-inġinier Pierre Cassar stante li dan huwa rapport magħmul minn esperti fil-kamp li tqabbad mill-attur biex jeżamina materja teknika bħal ma hu l-każ odjern. Għalhekk ġjaladarba dan it-Tribunal huwa konvint li l-konklużjonijiet ta' tali rapport huma korretti u ġusti, it-Tribunal qiegħad jagħmel tiegħu u jadotta tali konklużjonijiet.

Illi t-Tribunal josserva li s-soċjeta' intimata naqset li tagħmel kontro-eżami lill-inġiniet. Illi s-soċjeta' intimata naqset ukoll milli tinkariga espert in materja biex jiġi kostatat b'mod struwit dak ix-xogħol li sar jew ma sarx, u l-valur tax-xogħol li ġie eżegwit mill-intimat.

It-Tribunal josserva wkoll li s-soċjeta' intimata targumenta li diversi ħsarat kienu jew responsabbilita' tal-istess rikorrent jew ma kienux responsabbilita' tas-soċjeta' intimata qabel ma jkun hemm Service Agreement iffirmat. Dan it-Tribunal iħoss b'konvinzjoni li għandu jistqarr illi mhux sodisfatt mill-argumenti tal-intimat u jħoss li l-linja difensjonali tiegħu m'hijiex verosimili jew plawsibbli. Illi t-Tribunal jemmen li d-difetti fil-lift kienu numerużi u kienu evidenti sa mill-ewwel ġranet wara li ġie installat il-lift u għalhekk l-obbligu tas-soċjeta' intimata li tikkonsennja prodott tajjeb li jaħdem u jiffunzjona kif mistenni ma jiġux negati mill-fatt li kien għadu ma ġiex iffirmat *Service Agremeent.* Illi l-iskop tas-*Service Agremeent* huwa li jsiru tiswijiet għall-kwistjonijiet bħal *wear and tear* li jinqalaw wara li huwa jikkonsenjaw u jinstallaw prodott li qed jaħdem kif mistenni u mhux biex jissewwew ħsarat dovuti għall-installazzjoni ħażina jew difetti fil-prodott innifsu.

**Ikkunsidra**

L-attur jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq il-provvedimenti tal-għaxar taqsima tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-taqsima hija msejħa "Bejgħ ta' oġġetti lill-Konsumatur". A tenur tal-artikolu 73 ta' dan l-Att:

**(1)** Il-kummerċjanti għandhom l-obbligu jikkunsinnaw lill-konsumaturi oġġetti li jkunu konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgħ, u skont hekk ikollhom l-obbligu li jiżguraw li l-oġġetti –

**(a)** jkunu konformi mad-deskrizzjoni mogħtija millkummerċjant u jkollhom il-karatteristiċi, l-fattizzi u lkwalitajiet tal-oġġetti li l-kummerċjant jkun wiegħed jew ikun wera jew xort'oħra ppreżenta lill-konsumatur bħala kampjun jew mudell;

**(b)** jkunu adattati għall-iskop partikolari li għalih ilkonsumatur ikun jeħtiegħom u li jkun għarraf bihom lillkummerċjant meta kien qed jagħmel il-kuntratt;

**(ċ)** jkunu adattati għall-iskop li għalih oġġetti tal-istess tip normalment jintużaw; u

**(d)** juru l-kwalità u l-kapaċità li huma normali f'oġġetti talistess tip u li l-konsumatur jista' raġonevolment jistenna, fil-qies tax-xorta tal-oġġetti u meta jitqiesu ddikjarazzjonijiet pubbliċi dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-oġġetti li jsiru dwarhom sew mill-kummerċjant, mill-produttur jew mir-rappreżentant tiegħu, partikolarment flirreklamar jew fuq it-tikketti....

L-artikolu 74 jaqra hekk:

**(1)** Il-kummerċjant ikun responsabbli li jipprovdi rimedju skont dan l-artikolu lill-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformità fl-oġġetti li kienet teżisti meta l-oġġetti ġew ikkunsinnati mill-kummerċjant lill-konsumatur. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, għandu jkun il-konsumatur li jiddeċiedi x'rimedju għandu jitlob.

**(2)** Fil-każ ta' tali nuqqas ta' konformità, il-konsumatur ikollu jedd jew –

**(a)** li l-oġġetti jinġiebu konformi bla ebda ħlas billi jissewwew jew jiġu rimpjazzati, skont l-artikolu 75(1), jew

**(b)** li jirċievi ħlas lura ta' tnaqqis fil-prezz adattat jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt għar-rigward ta' dawk l-oġġetti, skont l-artikolu 76(1) jew (2).

L-artikolu 75 imbagħad jipprovdi li:

**(1)** Sakemm ma jkunx impossibbli jew sproporzjonat, il-konsumatur jista', fl-ewwel lok, jeħtieġ lill-kummerċjant isewwi l-oġġetti jew inkella jirrimpjazzjahom, f'kull każ bla ebda ħlas.

**(2)** Rimedju jitqies li jkun sproporzjonat jekk ikun jimponi spejjeż fuq il-kummerċjant li, b'paragun mar-rimedji alternattivi li jeżistu taħt din it-Taqsima, ma jkunux raġonevoli, meta jitqiesu –

**(a)** il-valur tal-oġġetti li kieku ma kienx hemm nuqqas ta' konformità,

**(b)** xi jkun ifisser dak in-nuqqas ta' konformità, u

**(ċ)** jekk ir-rimedju alternattiv ikunx jista' jitlesta għal kollox mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.

**(3)** Kull tiswija jew rimpjazzament għandhom jitlestew, kemm ikun prattikament malajr, fi żmien raġonevoli u mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur, meta titqies ix-xorta tal-oġġetti u l-iskop li għalih ilkonsumatur jkun ħtieġ dawk l-oġġetti.

Finalment, skont l-artikolu 76:

**(1)** Il-konsumatur jista' jeħtieġ riduzzjoni adattata fil-prezz jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt –

**(a)** meta l-konsumatur ma jkun jista' jikseb la r-rimedju ta' tiswija lanqas dak ta' rimpjazzar, jew

**(b)** jekk il-kummerċjant ma jkunx spiċċa r-rimedju ta' tiswija jew ta' rimpjazzar fi żmien raġonevoli, jew

**(ċ)** jekk il-kummerċjant jkun jista' biss jipprovdi jew jispiċċa r-rimedju ta' tiswija jew rimpjazzar b'inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.

**(2)** Il-konsumatur ma jkollux jedd għar-rexxissjoni talkuntratt jekk in-nuqqas ta' konformità miegħu jkun wieħed minuri u insinjifikanti.

Dan kollu magħdud ifisser fiċ-ċirkostanzi, il-verżjoni tar-rikorrent hija iktar verosimili jew plawsibbli u għalhekk l-attur irnexxilu jissodisfa l-oneru tal prova illi fuq bażi ta' bilanċ ta' proabbilitajiet mill-preponderanza tal-provi is-soċjeta' intimata naqset milli tipprvid prodott li jiffunzjona kif mistenni.

Għalhekk it-Tribunal der jagħddi biex jilqa' t-talba rikorrenti.

**Decide**

Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara Ii qies iċ-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qed jordna lis-soċjeta' intimata tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' sitt mitt ewro (€600) fi żmien ġimgħa mil llum.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tas-socjeta` intimata.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**